**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 608/97

Joseph Abela

vs

Chairman Enemalta Corporation

Illum 21 ta' Gunju, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta tal-1988/90, ir-rikorrent sofra ingustizzja billi ma giex moghti l-promozzjoni li kien jisthoqqlu ta' 'Chargehand', minghajr raguni valida, anzi x'aktarx minhabba motivi politici.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor is-segwenti:-

Ir-rikorrent kien gie mpjegat mal-Korporazzjoni intimata fl-1984, fil-grad ta' Heavy Plant Driver. Qabel ma gie mpjegat mal-

Enemalta, ir-rikorrent kien fuq il-kotba ta' Valletta Harbour works.

Illi ir-rikorrent gie stazzjonat fuq il-progett li kien qed isir fil-Power Station. Wara li kien ilu madwar sena jahdem mal-Enemalta, cioe' fl-1985, kienet harget sejha ghal applikazzjonijiet ghall-grad ta' Air Field Operator.

Ir-rikorrent kien applika ghal din il-kariga u fil-fatt gie promoss ghall-grad ta' Air Field Operator.  Peress illi x-xoghol f'dan il-grad kien isir fl-ajruport, hu kien gie trasferit ghal hemmhekk.

Tlett snin wara, fl-1988, kienet harget sejha ghal applikazzjonijiet biex jintlew vakanzi fil-grad ta' 'Chargehand', permezz ta' cirkolari li fiha ntalab li min japplika kien mehtieg li jkollu esperjenza kemm ta' Airfield Operator, kif ukoll ta' Bulk Operator.

Billi ir-rikorrent kellu l-kwalifiki, esperjenza mitluba skond ic-cirkolari u s-seniority necessarja, huwa applika ghal din il-promozzjoni u anke gie msejjah u attenda ghal interview.

Illi madankollu, meta hareg ir-rizultat, ir-rikorrent ma giex promoss ghall-grad ta' 'Chargehand', filwaqt li gew promossi persuni ohra li ma kellhomx kwalifiki, esperjenza u seniority daqsu.  Fost ohrajn gew promossi mill-inqas tlieta min-nies li ma kellhomx esperjenza ta' Bulk Operator, ghaliex qatt ma kienu hadmu f'dak ix-xoghol.

Illi wara madwar sentejn, regghet saret sejha ohra ghal applikazzjonijiet biex jintlew vakanzi fl-istess grad ta' 'chargehand', u bl-istess kundizzjonijiet.

Illi ir-rikorrent rega' applika ghall-promozzjoni u attenda wkoll ghall-interview. Madankollu, ghal darb'ohra, meta hargu l-promozzjonijiet, ir-rikorrent rega gie maqbuz, din id-darba sahansitra minn persuna li sa ftit zmien qabel kienet Telephone Operator u ghalhekk zgur li ma kellhiex l-esperjenza rikjesta, jew ghallinqas esperjenza fix-xoghol daqs ir-rikorrent.

Illi ir-rikorrent ihoss li ma kien hemm ebda raguni valida ghaliex huwa ma nghatax il-promozzjoni li kien jisthoqqlu, anzi ir-rikorrent isostni li dan gara x'aktarx ghal mottivi politici.

Illi ir-rikorrent dejjem qeda dmiru bl-akbar responsabbilta` u efficjenza, ghas-sodisfazzjon shih tas-superjuri tieghu. Madankollu, l-ingustizzja li sofra ir-rikorrent tidher aktar cara fil-fatt illi, f'zewg okkazjonijiet separati, saret diskriminazzjoni kontrih billi gie moghti zewg charges. Meta ir-rikorrent resaq quddiem il-Bord ta' Dixxiplina, fiz-zewg okkazjonijiet ma nstabx hati tal-akkuzi li ngiebu kontrih.

Illi b'konsegwenza tal-ingustizzja li sofra, ir-rikorrent sofra telf finanzjarju konsistenti fl-awment ta' paga relativa ghall-grad ta' Chargehand. Barra minn hekk il-fatt ma nghatax il-promozzjoni ghal Chargehand kellha konsegwenzi negattivi fuq il-karriera tar-rikorrent peress li telfitu l-opportunita li jkompli javvanza u jiehu promozzjonijiet ohra.

Illi b'hekk, ai termini tal-Att VIII tal-1997, ir-rikorrent, fil-perjodu fuq indikat, garrab ingustizzja u dana b'konsegwenza ta' distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew li minhabba fiha garrab inkapacita jew restrizzjoni u dana b'azzjoni mehuda mill-intimat.

Illi, biex isostni l-ilment tieghu, ir-rikorrent kien bi hsiebu jressaq ix-xhieda murija fl-elenku.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab illi dan it-Tribunal jghogbu, wara li jisma' x-xhieda u sottomissjonijiet tair-rikorrent, jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jordna illi jinghata rimedju lir-rikorrent billi:

(1) jinghata l-promozzjoni li kien jisthoqqlu ghall-grad ta' Chargehand, b'effett retroattiv miz-zmien li kellu jinghata tali promozzjoni; u

(2) jithallas l-arretrati kollha ta' paga, overtime u allowances li tilef b'rizultat tal-ingustizzja li sofra.

Fl-eventwalita li dawn ir-rimedji ma jistghux jinghataw, ir-rikorrent jitlob li jigi ordnat jithallas lilu kumpens fl-ammont ta' Lm5,000 jew kull ammont iehor li ma jeccedix il-Lm5,000 li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta li eccepiet:-

Illi r-rikorrent kien wiegeb ghal zewg sejhiet ghal applikazzjonijiet minn impjegati tal-Korporazzjoni ghal mili ta' postijiet ta' Chargehand (Aviation).

Illi dawn is-sejhiet li saru fi 1988 u fi 1990 rispettivament.

Illi ghas-sejha li saret fi 1988 kien hemm tlieta u ghoxrin applikant fosthom ir-rikorrent u li wara li saret l-intervista mill-Bord ta' l-Ghazla mwaqqaf mill-Korporazzjoni r-rikorrent ma kkwalifikax ghal post ta' Chargehand (Aviation) skond l-Ordni tal-Mertu kif ippublikat mill-Bord ta' l-Ghazla fi 23 t'Awissu 1988.

Illi ghas-sejha li saret fi 1990 kien hemm dsatax-il applikant fosthom ir-rikorrent u li wara li saret l-intervista mill-Bord ta' l-Ghazla mwaqqaf mill-Korporazzjoni r-rikorrent ma kkwalifikax ghal post ta' Chargehand (Aviation) skond l-Ordni tal-Mertu kif ippublikat mill-Bord ta' l-Ghazla fi 13 ta' Novembru 1990.

Illi l-Bord ta' l-Ghazla mexa skond kif stipulat f'Appendici C tal-Ftehim Kollettiv bejn il-Korporazzjoni Enemalta u l-General Workers Union fiz-zewg ghazliet indikati hawn fuq.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn sostna li skond l-avviz biex wiehed japplika ried ikun jaf jahdem il-field kollha. Dana jigifieri li jkun jaf jaghmel ix-xoghol ta' Airfield Operator u Bulkman Operator. Semma li hu kien kwalifikat bizzejjed fil-field kollha u anke kellu s-seniority u l-esperjenza mehtiega u ghalhekk applika. It-tlett persuni li gew maghzula biex jimlew il-postijiet vakanti kienu:

- Joseph Degiorgio (Index No. P100)
- Emanuel Buhagiar (Index No. P103)
- Angelo Galea (Index No. P104)

Dawn it-tlieta qatt ma kienu hadmu fil-post ta' Bulkman operator u allura ma kienux eligibbli ghall-interivew peress illi ma kienux jikkwalifikaw skond is-sejha ghall-applikazzjonijiet li kienet harget. Madankollu, gew promossi ghal CHARGEHAND.

It-tieni okkazzjoni meta saret sejha ghall-mili ta' vakanzi bhala Chargehand (Aviation) kienet fit-28 ta' Frar 1990. Ghal darb'ohra, ir-rikorrent sostna li kellu l-kwalifiki, esperjenza u seniority mehtiega u ghalhekk reggha applika.

Gie promoss ghall-grad ta' "chargehand (Aviation)" Joseph Cutajar (Index P325). Dan kien sar Airfield Operator warajh u ghalhekk ma kellux seniority daqs kemm kellu hu fiz-zewg "Fields".

Fiz-zewg kazi, wara li kien applika ghal promozzjoni, saru interviews biss.

Alfred Thornton li jahdem l-Enemalta Hal-Luqa l-Airport u ilu hemmhekk mill-1985 u beda bhala Air Field Operator u llum Assistant Aviation Inspector xehed li meta mar hemmhekk fl-1985 ir-rikorrent kien hemmhekk qablu. Ix-xoghol tieghu kien l-istess ta' Air Field Operator. Ix-xoghol taghhom kien ukoll bhala relievers u jinzlu u jahdmu hemmhekk fejn kienet tinsab il-bulk. Semma li x-xoghol tar-rikorrent kien bhal tieghu u kienu tlieta relievers. Semma li meta hu wasal fl-1985 ir-rikorrent diga kien qed jaghmel ix-xoghol ta' Air Field Operator kif ukoll tar-reliever Air Bulk Operator.

Dwar l-applikazzjonijiet tal-1988 saru tlieta izda dawn ma kellhomx esperjenza fil-grad ta' Bulk Operator. Pero' kienu ilhom hemmhekk aktar mir-rikorrent izda ma kellhomx esperjenza fil-Bulk Operations. Fit-tieni sejha ghall-applikazzjoni kien sar certu wiehed Cutajar li kien ilu hemmhekk xi ftit taz-zmien u qabel kien telephone operator izda kellu esperjenza tal-bulk operations. Fis-seniority kellhom inqas mir-rikorrent, peress li lanqas kien ilu sentejn jahdem fl-Air Field.

Joseph Abela fuq ix-xoghol jahdem sew u qatt ma kellhom complaints.

Albino Tonna li qabel kien jahdem mal-Enemalta fis-section ta' l-Aviation bhala  Technical Officer 3 xehed li ri-rikorrent kien jaghmel kemm ix-xoghol ta' Airfield operator kif ukoll ta' Bulk Man operator. Ir-rikorrent tant kien jaf sew ix-xoghol tieghu li anki kien jghallem lil haddiehor kemm bhala Air field operator kif ukoll bhala bulk man operator. Huwa dejjem kien kuxjenzjuz fix-xoghol tieghu u qatt ma kien hemm complaints fix-xoghol tieghu. Lil Joseph Degiorgio, Emanuel Buhagiar u Angelo Galea jafhom u ma ftakarx li dawn qatt ghamlu xoghol ta' bulkman operator.

Joe Mangion rapprezentant tal-Enemalta Corporation xehed li minhabba li ma hax il-promozzjoni ta' Chargehand Aviation, ir-rikorrent tilef Lm2506.42 bhala paga.  Fil-file m'ghandu l-ebda raguni ghalfejn, ir-rikorrent ma hax il-promozzjoni. Qal li kellu lista tal-hames persuni rakkomandati u rigward il-21 applikanti l-ohra m'ghandu ebda dettalji dwar kif gew assessjati l-marki. Mill-file ma jirrizulta li ma hemm ebda nuqqas gravi minn naha tar-rikorrent.

Louis Mifsud Assistant Manager li jmexxi l-power station ta' Delimara xehed li kien f'diversi bordijiet ta' ghazla inkluz ukoll il-bord ta' l-ghazla ghall-post ta' charge hand skond cirkolari 14/90 datata 28 ta' Frar 1990.  Sostna li l-bord ta' l-ghazla kien mexa skond ir-rekwiziti li kien hemm fic-cirkolari jigifieri mexa mac-cirkolari kif ukoll skond il-ftehim kollettiv bejn l-Enemalta

u l-union. Ghamlu l-ghazla taghhom skond ir-requirments of the job, kif ukolll-esperjenza, l-aptitude, l-merit u s-seniority u l-kwalifiki. Fuq seniority qal: "Fil-fatt nghid fir-rigward ta' dan li dak li ahna konna klassifikajnih bhala t-tieni kellu seniority izjed milli dak li kien ikklassifikat bhala l-ewwel wiehed izda ahna hassejna li xorta l-iehor kelli jigi kklassifikat l-ewwel post."

**KONKLUZZJONIJIET:**

Ir-rikorrent sostna li sofra ingustizzja billi ma giex moghti l-promozzjoni li kien jisthoqqlu ta' 'Chargehand', minghajr raguni valida fl-1988, u fl-1990. Ir-rikorrent sostna li skond l-avviz biex wiehed japplika ried ikun jaf jahdem il-field kollha. Dana jigifieri li jkun jaf jaghmel ix-xoghol ta' Airfield Operator u Bulkman Operator. Semma li hu kien kwalifikat bizzejjed fil-field kollha u anke kellu s-seniority u l-esperjenza mehtiega u ghalhekk applika. Fl-1988 it-tlett persuni li gew maghzula biex jimlew il-postijiet vakanti kienu Joseph Degiorgio, Emanuel Buhagiar, u Angelo Galea.

Dawn it-tlieta qatt ma kienu hadmu fil-post ta' Bulkman operator u allura ma kienux eligibbli ghall-interivew peress illi ma kienux jikkwalifikaw skond is-sejha ghall-applikazzjonijiet li kienet harget. Madankollu, gew promossi ghal CHARGEHAND.

Skond Alfred Thornton semma li fl-1985 ir-rikorrent diga kien qed jaghmel ix-xoghol ta' Air Field Operator kif ukoll tar-reliever Air Bulk Operator. Jidher li t-tlieta li saru ma kellhomx esperjenza fil-grad ta' Bulk Operator. Fis-seniority kellhom inqas mir-rikorrent, peress li lanqas kien ilu sentejn jahdem fl-

Air Field. Joseph Abela u Albino Tonna xehdu li fuq ix-xoghol jahdem sew u qatt ma kellhom complaints.

Illi ghalhekk it-Tribunal ihoss li saret ingustizzja mar-rikorrent meta fl-1988 huwa ma giex moghti l-promozzjoni ghal “Chargehand”. Jekk skond l-avviz biex wiehed japplika ried ikun jaf jahdem il-field kollha u cioe’ jaf jaghmel ix-xoghol ta’ Airfield Operator u Bulkman Operator kif setgha qatt jinqabez minn dawk li saru! L-intimat ma pproducix kopja tal-Avviz biex wiehed japplika, u lanqas breakdown tal-marki, kwalifiki, u esperjenza.

Ghalhekk jichad l-eccezzjoni tal-intimat ghal dawn il-motivi, jilqa’ ta-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta’ Chargehand b’effett mit-23 ta’ Awissu, 1988 u jitpogga fil-lista ta’ seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.